(c) struzzjonijiet tekniċi dwar it-tneħħija ***u s-sostituzzjoni***, inkluża s-sekwenza tal-passi kollha.	(c) struzzjonijiet tekniċi dwar it-tneħħija, inkluża s-sekwenza tal-passi kollha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtiġijiet kollha tat-tiswija u l-manutenzjoni huma koperti mill-Informazzjoni dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni (RMI) skont l-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858, l-Artikolu 6 tal-Euro VI (ir-Regolament (KE) Nru 595/2009), u l-Artikoli 4 u 6 tal-Euro 7 (ir-Regolament (UE) 2024/1257). L-RMI tirrikjedi li l-manifatturi jipprovdu lill-operaturi indipendenti data essenzjali dwar it-tiswija, filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta. Regolamentazzjoni addizzjonali skont ir-Regolament ELV mhijiex meħtieġa, u għalhekk ir-referenza għal "sostituzzjoni" għandha titħassar.

Emenda 1736
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness V– punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-informazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet, inklużi d-dettalji dwar l-għodod, il-proċessi, u l-aġġornamenti tas-software meħtieġa għar-rimanifattura u r-rinnovazzjoni, iridu jkunu disponibbli mill-mument tat-tqegħid fis-suq għal mill-inqas 15-il sena wara li l-prodott ma jibqax disponibbli fis-suq.

Or. en

Emenda 1737
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness V– punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-informazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet, l-għodod u l-proċessi, inklużi l-aġġornamenti tas-software meħtieġa għar-rimanifattura u r-rinnovazzjoni, mit-tqegħid fis-suq u għal mill-inqas 20 sena wara li jintemm it-tqegħid fis-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni għandhom ikunu jistgħu jkollhom aċċess għall-informazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet, l-għodod u l-proċessi, inklużi aġġornamenti tas-software, li ta' spiss ikunu meħtieġa għar-rimanifattura u/jew ir-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti li jittieħdu minn ELV.

Emenda 1738
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Komponenti u partijiet kodifikati b'mod diġitali f'vettura:	***imħassar***
(a) Numru;	
(b) Post;	
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi - l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra;	
(ii) deskrizzjoni dwar il-funzjonalità, l-interkambjabbiltà u l-kompatibbiltà ma' partijiet u ma' komponenti speċifiċi ta' għamliet u mudelli oħra;	
(e) punt ta' kuntatt tal-manifattur għall-assistenza teknika.	

Or. en

Emenda 1739
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Komponenti u partijiet kodifikati b'mod diġitali f'vettura:	***imħassar***
(a) Numru;	
(b) Post;	
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi - l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra;	

(ii) deskrizzjoni dwar il-funzjonalità, l-interkambjabbiltà u l-kompatibbiltà ma' partijiet u ma' komponenti speċifiċi ta' għamliet u mudelli oħra;

(e) punt ta' kuntatt tal-manifattur għall-assistenza teknika.

Or. en

Emenda 1740
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Komponenti u partijiet kodifikati b'mod diġitali f'vettura:	***imħassar***
(a) Numru;	
(b) Post;	
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi - l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra;	
(ii) deskrizzjoni dwar il-funzjonalità, l-interkambjabbiltà u l-kompatibbiltà ma' partijiet u ma' komponenti speċifiċi ta' għamliet u mudelli oħra;	
(e) punt ta' kuntatt tal-manifattur għall-assistenza teknika.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati ma jirrikjedux aċċess għal din l-informazzjoni, peress li l-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni diġà għandhom drittijiet skont l-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858, l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 595/2009, u l-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament (UE) 2024/1257. Dawn ma għandhomx bżonn li jiddependu minn ELRV għall-aċċess. Jekk il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jkunu jixtiequ jaċċessaw partijiet ikkodifikati, huma jistgħu liberament jirreġistraw skont dan, u l-link tar-reġistrazzjoni rilevanti hija disponibbli permezz tal-IDIS.

Emenda 1741
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Numru;	(a) Numru ***tat-Tagħmir Oriġinali***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Anness V – punt 4 – punt a.

Emenda 1742
Barbara Bonte, Viktória Ferenc, Filip Turek, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Silvia Sardone, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Numru;	(a) Numru ***tat-Tagħmir Oriġinali***;

Or. en

Emenda 1743
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi **-** l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex	(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi ***l-possibbiltà ta' dereġistrazzjoni jew diżakkoppjar tal-parti mill-VIN tal-vettura***

jiffunzjonaw f'vettura oħra***;***	***li ma għadhiex tintuża u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-parti fis-sistemi tal-informazzjoni tal-manifattur tal-vettura fejn meħtieġ sabiex tkun disponibbli għall-installazzjoni fuq vettura oħra;*** l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra***, fejn meħtieġ, permezz ta' għodod dijanjostiċi b'diversi ditti.***

Or. en

Emenda 1744
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi **-** l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti ***biex jiffunzjonaw*** f'vettura oħra***;***	(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija***,*** u s-sostituzzjoni, inklużi ***l-kapaċità ta' dereġistrazzjoni jew diżakkoppjar ta' parti mill-VIN ta' vettura li ma għadhiex tintuża u, fejn meħtieġ, ir-reġistrazzjoni tagħha mill-ġdid fis-sistema ta' informazzjoni tal-manifattur tal-vettura biex din tkun tista' tiġi installata f'vettura oħra;*** l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti ***biex jintużaw*** f'vettura oħra***, fejn meħtieġ, permezz ta' għodod dijanjostiċi b'diversi ditti.***

Or. en

Emenda 1745
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi **-** l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra;	(c) struzzjonijiet tekniċi dwar l-aċċess, it-tneħħija u s-sostituzzjoni, inklużi l-ikkowdjar u s-software neċessarji biex jiġu attivati l-ispare parts u l-komponenti biex jiffunzjonaw f'vettura oħra***, permezz ta' għodod dijanjostiċi b'diversi ditti, inkluża l-possibbiltà li l-parti tiġi rreġistrata mal-informazzjoni dwar il-vettura fuq is-server back-end tal-manifattur tal-vettura għall-vettura msewwija, jekk ikun meħtieġ***;

Or. en

Emenda 1746
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni, speċifikazzjonijiet, għodod u proċessi, inklużi aġġornamenti tas-software, meħtieġa għar-rimanifattura u għar-rinnovazzjoni,

Or. en

Emenda 1747
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness V – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Partijiet u komponenti elettroniċi:
	(a) Servizz manwali, inklużi mill-inqas: l-iskema, l-impjantazzjoni tal-komponenti, lista eżawrjenti u referenzi

tal-komponenti, banda tat-test

(b) Informazzjoni dwar is-software meħtieġa għar-risettjar tal-parti jew tal-komponenti u għar-riprogrammazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 1748
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***is-sistemi tal-arja kundizzjonata u r-refriġeranti*** għandhom jiġu ttrattati f'konformità mar-Regolament (UE) ***Nru 517/2014;***	(b) ***ir-refriġeranti*** għandhom jiġu ttrattati f'konformità mar-Regolament (UE) ***2024/573***

Or. en

Emenda 1749
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-batteriji awtomotivi u l-batteriji tal-vetturi Elettriċi kif definiti fir-Regolament (UE) 2023/1542.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estrazzjoni tal-batteriji awtomotivi u dawk tal-vetturi elettriċi trid titqies bħala parti mill-proċess tat-tindif mit-tniġġis u ma tiġix inkluża fil-Parti C tal-Anness VII.

Emenda 1750
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Tajers;

Or. pl

Emenda 1751
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Batteriji tal-vetturi elettriċi;

Or. pl

Emenda 1752
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) 2023/*[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji];***

Or. pl

Emenda 1753
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;

Or. pl

Emenda 1754
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2e. Fanali ta' quddiem, inklużi l-attwaturi tagħhom;

Or. pl

Emenda 1755
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 2f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2f. pannelli fotovoltajċi (PV) b'erja tas-superfiċe akbar minn 0,2 m2;

Or. pl

Emenda 1756
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-għadd totali ta' vetturi ttrattati li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1757
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-piż medju tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw qabel u wara l-operazzjonijiet tat-tindif mit-tniġġis u tat-tneħħija;

Or. en

Emenda 1758
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Anness VII – parti B – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kwantità u n-natura tal-iskart imniġġes, inklużi l-materjali u s-sustanzi niġġiesa mneħħija jew newtralizzati;	(c) il-kwantità u n-natura tal-iskart imniġġes, inklużi l-materjali u s-sustanzi niġġiesa mneħħija jew newtralizzati ***għal kull lott li jinġabar***;

Or. en

Emenda 1759
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1760
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	1. Batteriji tal-vetturi elettriċi***, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-vetturi elettriċi, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm***;

Or. en

Emenda 1761
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	1. Batteriji tal-vetturi elettriċi ***kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (141) tar-Regolament (UE) 2023/1542, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-EVs, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm***;

Or. en

Emenda 1762
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	1. Batteriji tal-vetturi elettriċi ***u l-elementi kostituttivi tagħhom, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm, u l-moduli jew iċ-ċelloli tagħhom***;

Or. en

Emenda 1763
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	1. Batteriji tal-vetturi elettriċi ***inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm, u l-moduli jew iċ-ċelloli tagħhom***;

Or. en

Emenda 1764
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Batteriji tal-vetturi elettriċi;	1. Batteriji tal-vetturi elettriċi ***kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (14) tar-Regolament (UE) 2023/1542***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati fehim ħażin u regolamentazzjoni doppja, id-definizzjonijiet ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' batteriji portabbli ("batteriji oħrajn") għandhom jallinjaw ma' dawk ipprovduti fl-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-Batteriji 2023/1542.

Emenda 1765
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness V – parti C – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Batteriji LMT, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11) tar-Regolament (UE) 2023/1542, u l-elementi kostituttivi tagħhom, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-vetturi elettriċi, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm, u l-moduli jew iċ-ċelloli tagħhom;

Or. en

Emenda 1766
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Batteriji LMT, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11) tar-Regolament (UE) 2023/1542, inklużi ċelloli ta' batteriji individwali inklużi fil-pakkett tal-batterija, is-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-EVs, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm;

Or. en

Emenda 1767
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness V – parti C – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Batteriji LMT, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11) tar-Regolament (UE) 2023/1542, inklużi s-sistemi tal-ġestjoni tal-batterija tagħhom, iċ-ċarġers abbord għall-EVs, il-kejsing jew il-kassetti jekk ikun hemm, u l-moduli jew iċ-ċelloli tagħhom;

Or. en

Emenda 1768
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Muturi tat-trazzjoni elettrika, inklużi l-kejsings tagħhom u ***kwalunkwe unitajiet*** ta' kontroll, ***wajers***, u partijiet, komponenti u materjali oħrajn ***assoċjati***;	2. Muturi tat-trazzjoni elettrika***, l-elementi kostituttivi tagħhom***, inklużi l-kejsings***, il-ġeneraturi, l-alternaturi u l-muturi tal-fannijiet tat-tkessiħ*** tagħhom ***jekk ikun hemm hemm,*** u ***l-unitajiet*** ta' kontroll***, il-wajers,*** u partijiet, komponenti u materjali oħrajn ***marbutin jew imwaħħlin direttament mal-muturi tat-trazzjoni elettrika***;

Or. en

Emenda 1769
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Muturi tat-trazzjoni elettrika, inklużi l-kejsings tagħhom u kwalunkwe unitajiet ta' kontroll, wajers, u partijiet, komponenti u materjali oħrajn assoċjati;	2. Muturi tat-trazzjoni elettrika, inklużi l-kejsings***, il-ġeneraturi, l-alternaturi u l-muturi tal-fannijiet tat-tkessiħ tagħhom jekk ikun hemm,*** u kwalunkwe unitajiet ta' kontroll, wajers, u partijiet, komponenti u materjali oħrajn assoċjati ***marbutin jew imwaħħlin direttament mal-muturi tat-trazzjoni elettrika***;

Or. en

Emenda 1770
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Muturi tat-trazzjoni elettrika, inklużi l-kejsings tagħhom ***u kwalunkwe unitajiet ta' kontroll, wajers, u partijiet, komponenti u materjali oħrajn assoċjati***;	2. Muturi tat-trazzjoni elettrika, inklużi l-kejsings tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Komponenti differenti jistgħu jitwaħlu jew jintrabtu direttament mal-mutur tat-trazzjoni elettrika, skont ir-rekwiżiti tad-disinn u l-kunċetti tal-kostruzzjoni, kif ukoll biex jiġi indirizzat titjib ulterjuri. Lista definita b'mod strett tista' ma tkunx kompluta, u dan iwassal għal fehim ħażin u sforz addizzjonali għal dawk li jżarmaw. Biex dan jiġi pprevenut, hija meħtieġa deskrizzjoni aktar ġenerali u flessibbli.

Emenda 1771
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) 2023/*[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji];***	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1772
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***;	3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/1542 u batteriji oħra kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 2023/1542, l-elementi kostituttivi tagħhom, u kwalunkwe unità ta' kontroll, wajers, u partijiet, komponenti u materjali oħra assoċjati marbutin jew imwaħlin direttament mal-muturi tat-trazzjoni elettrika***;

Or. en

Emenda 1773
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***;	3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/1542 u batteriji portabbli kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 2023/1542***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, u, l-aktar importanti, tiġi pprevenuta regolamentazzjoni doppja, għandhom jiġu applikati d-definizzjonijiet ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u ta' batteriji portabbli ("batteriji oħrajn") deskritti fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2023/1542 dwar il-Batteriji.

Emenda 1774
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***;	3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/1542 u batteriji oħrajn kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 2023/1542***;

Or. en

Emenda 1775
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/****[dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]***;	3. Batteriji SLI kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) ***2023/1542 u batteriji oħrajn kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 2023/1542***;

Or. en

Emenda 1776
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Magni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1777
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Magni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1778
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Magni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żarmar tal-magni ta' kombustjoni huwa inqas ekonomiku għal dawk li jżarmaw peress li l-apparti tat-tqattigħ jikkumpensaw abbażi tal-piż. Jekk il-magni jibqgħu fuq il-lista, jaf tkun meħtieġa eżenzjoni, peress li teknoloġija xierqa xorta waħda tista' tissepara b'mod effettiv il-materjali wara t-tqattigħ.

Emenda 1779
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara

Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Magni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1780
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Magni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1781
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Magni***;	4. ***Blokok tal-magni ta' kombustjoni b'ġeneraturi, starter, alternaturi, turboċarġers, radjatur u muturi tal-fannijiet tat-tkessiħ u apparati assoċjati***;

Or. en

Emenda 1782
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara

Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1783
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1784
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żarmar tal-gear boxes huwa inqas ekonomiku għal dawk li jżarmaw peress li l-apparti tat-tqattigħ iħallsu skont il-piż. Għalhekk, jekk il-magni jibqgħu fuq il-lista, jaf tkun meħtieġa eżenzjoni, peress li l-materjal xorta waħda jista' jiġi sseparat b'mod effettiv wara t-tqattigħ billi tintuża t-teknoloġija xierqa.

Emenda 1785
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1786
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1787
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Gear boxes;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1788
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1789
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1790
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċji ekoloġiċi taż-żarmar tal-ħġieġ tal-vettura fi tmiem il-ħajja mhumiex ippruvati. Il-proċess jirrikjedi ħafna ħaddiema, iġorr riskju għoli ta' korriment, u jitlob metodi eċċezzjonalment nodfa, peress li r-riċiklaturi jaċċettaw biss 3 ppm (g/t) ta' kontaminazzjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet ambjentali relatati mat-trasport huma sinifikanti minħabba l-għadd limitat ta' riċiklaturi tal-ħġieġ fl-Ewropa, u dan jirrikjedi vjeġġi fuq distanza twila.

Emenda 1791
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1792
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1793
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1794
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ***, inklużi installazzjonijiet tal-ħġieġ fuq il-bjut***;

Or. en

Emenda 1795
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ***, inklużi installazzjonijiet tal-ħġieġ fuq il-bjut***;

Or. en

Emenda 1796
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Windscreens, twieqi ta' wara u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;	7. Windscreens, twieqi ta' wara***, tal-bjut*** u tal-ġenb magħmula mill-ħġieġ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Glass roof tops or parts of the roof are also fit for dismantling and recycling and should be added to the list. Without dismantling, end-of-life automotive glass is not usable for recycling. The shredding process contaminates the glass too much and renders it unusable for valuable recycling processes. Once shredded, it can only be severely down cycled. This is a waste of

valuable resources and energy. Moreover, because adding glass cullet to recycling processes, lowers the amount of energy needed for glass production. Additionally, there are promising pilot projects for the recycling of the PVB fraction present in laminated glass of windshields.

Emenda 1797
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Roti***;	8. ***Rimmijiet***;

Or. en

Emenda 1798
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Tajers;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1799
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1800
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Li jiġi awtorizzat iż-żarmar tad-dashboards għall-użu mill-ġdid ma huwiex prattiku minħabba d-domanda baxxa għal dawn il-partijiet. Barra minn hekk, it-terminu "dashboard" ma għandux definizzjoni ċara, u jinkludi diversi komponenti u materjali. Dan jirriżulta fi fluss ta' skart imħallat mingħajr ma tittejjeb il-kwalità tar-riċiklaġġ.

Emenda 1801
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija ta' dashboards mhijiex prattika, peress li dawn jistgħu jitneħħew biss bi sforz kbir.

Emenda 1802
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1803
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1804
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1805
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1806
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Dashboards;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1807
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Tabella ta' korrelazzjoni	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-ebda suq sekondarju vijabbli għal użu mill-ġdid.

Emenda 1808
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1809
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1810
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1811
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-età medja tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jintbagħtu għal proċess ta' riċiklaġġ finali permezz tat-tqattigħ huwa ta' 17-il sena. Ħadd ma għadu jistaqsi għal sistemi ta' inforikreazzjoni ta' 17-il sena.

Emenda 1812
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni***, inklużi l-kontrolluri tal-ħoss, tan-navigazzjoni, u multimedjali***, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;	11. Partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni, inklużi skrins b'superfiċe akbar minn 100 ċentimetru kwadru;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jaf ikun raġonevoli li jkun meħtieġ iż-żarmar ta' "partijiet direttament aċċessibbli tas-sistema ta' inforikreazzjoni," iżda l-elenkar ta' komponenti speċifiċi, potenzjalment mhux kompluti jew ikkategorizzati b'mod mhux preċiż, joħloq ir-riskju ta' konfużjoni u ineffiċjenza.

Emenda 1813
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Fanali ta' quddiem, inklużi l-attwaturi tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1814
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Fanali ta' quddiem, inklużi l-attwaturi tagħhom;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1815
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-ebda suq sekondarju vijabbli għal użu mill-ġdid.

Emenda 1816
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma jeżisti l-ebda suq għal tali parts tal-bdil.

Emenda 1817
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1818
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1819
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-faxx ta' wajers huwa l-ewwel komponent li jiġi installat fil-karrozzerija tal-karozza wara l-verniċjar, u t-tneħħija tiegħu tkun tirrikjedi żarmar sħiħ tal-vettura. B'riżultat ta' dan, il-potenzjal ta' użu mill-ġdid huwa estremament limitat.

Emenda 1820
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1821
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1822
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1823
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Faxx ta' wajers;	13. Faxx ta' wajers ***ewlieni, inklużi kejbils interni u esterni tal-iċċarġjar jekk ikun hemm***;

Or. en

Emenda 1824
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. ***Bampers;***	14. ***Sistema għall-ġestjoni tal-ħbit, inklużi kavers tal-bampers, raġġi u kaxxi maħsuba għall-ħbit***

Or. en

Emenda 1825
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Kontenituri tal-fluwidi;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma jeżisti l-ebda suq għal tali parts tal-bdil.

Emenda 1826
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Kontenituri tal-fluwidi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1827
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Kontenituri tal-fluwidi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1828
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Kontenituri tal-fluwidi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontenituri tal-plastik, speċjalment it-tankijiet tal-fjuwil, spiss ikunu kkontaminati ħafna bil-fjuwil jew fluwidi oħra, u dan jagħmel ir-riċiklaġġ kumpless u intensiv fl-użu tar-riżorsi. Il-benefiċċji ambjentali tar-riċiklaġġ tat-tankijiet tal-fjuwil għadhom mhumiex ippruvati, u ma teżisti l-ebda industrija tar-riċiklaġġ vijabbli. Għalhekk, iż-żarmar obbligatorju mhuwiex iġġustifikat sakemm ma jkunux meħtieġa l-ispare parts. Minflok, il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiddeterminaw jekk iż-żarmar huwiex prattiku u utli fuq bażi ta' każ b'każ.

Emenda 1829
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Kontenituri ***tal-fluwidi***;	15. Kontenituri ***tal-fjuwil tal-plastik***;

Or. en

Emenda 1830
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Skambjaturi tas-sħana;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1831
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Skambjaturi tas-sħana;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1832
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Skambjaturi tas-sħana;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1833
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Skambjaturi tas-sħana;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1834
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Skambjaturi tas-sħana;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskambjatur tas-sħana jinsab taħt id-dashboard, ippożizzjonat bejn il-magna u l-kompartimenti tal-passiġġieri, direttament kontra l-paratija. It-tneħħija tiegħu tirrikjedi żarmar sħiħ tad-dashboard. Wara t-tqattigħ, il-metall tiegħu jiġi sseparat għar-riċiklaġġ. Madankollu, minħabba l-istrapazz tal-materjal u l-korrużjoni, l-potenzjal tiegħu għall-użu mill-ġdid huwa minimu.

Emenda 1835
Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Kwalunkwe komponent tal-metall mhux tal-ħadid ta' materjal wieħed ieħor, ħlief il-magna u l-gearbox, itqal minn 10 kg;

Or. en

Emenda 1836
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-komponenti itqal minn 10 kg, inklużi l-mutur, il-gearbox, u l-bampers, diġà huma meqjusa f'postijiet oħra fit-tabella. Sadanittant, il-materjali minn komponenti iżgħar (inqas minn 10 kg) jiġu rkuprati b'mod effiċjenti permezz tat-teknoloġiji eżistenti tat-tqattigħ. Għalhekk, dan ir-rekwiżit ma joffri l-ebda benefiċċju ambjentali sinifikanti.

Emenda 1837
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ***mhux tal-ħadid*** ta' materjal wieħed ieħor, ***ħlief il-magna u l-gearbox,*** itqal minn 10 kg;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Within existing reuse and remanufacturing operations, dismantlers extract parts for which there exists a market. The proposed deletions relate to parts and components for which the reuse market is very limited or simply does not exist. Mandatory removal of parts shall only apply if required by compelling safety reasons or when the subsequent shredding and post-shredding processes cannot extract and separate materials as efficiently as manual dismantling processes or semi-automated disassembly processes. As a guiding principle, the best available technology should be used for each recycling process. For engines and gearboxes, mandatory dismantling should be avoided unless there is a clear market demand for reclaimed materials. Instead, reuse or refurbishment should be prioritized.

Emenda 1838
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ***mhux tal-ħadid*** ta' materjal wieħed ieħor, ***ħlief il-magna u l-gearbox,*** itqal minn 10 kg;

Or. en

Emenda 1839
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ***mhux tal-ħadid*** ta' materjal wieħed ieħor, ***ħlief il-magna u l-gearbox,*** itqal minn 10 kg;

Or. en

Emenda 1840
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***10 kg***;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***5 kg***;

Or. en

Emenda 1841
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***10 kg***;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***5 kg***;

Or. en

Emenda 1842
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***10 kg***;	17. Kwalunkwe komponent tal-metall ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn ***4 kg***;

Or. en

Emenda 1843
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Kwalunkwe komponent tal-plastik ta' materjal wieħed ieħor, itqal minn 10 kg;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-komponenti li jaqbżu l-10 kg, bħall-mutur, il-gearbox, u l-bampers, diġà huma meqjusa f'postijiet oħra fit-tabella. Sadanittant, il-materjali minn komponenti li jiżnu inqas minn 10 kg jiġu rkuprati b'mod effiċjenti permezz tat-teknoloġiji eżistenti tat-tqattigħ. B'riżultat ta' dan, dan ir-rekwiżit ma jipprovdi l-ebda benefiċċju ambjentali siewi.

Emenda 1844
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness VII – Parti C – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Kwalunkwe komponent tal-plastik ta' materjal wieħed ieħor***, itqal minn 10 kg***;	18. Kwalunkwe komponent tal-plastik ta' materjal wieħed ieħor ***li jista' jerġa' jintuża jew jiġi riċiklat skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma jeżisti l-ebda suq għal tali parts tal-bdil.

Emenda 1845
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Anness VII – parti C – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
